MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-18 ta' April, 2013

Numru. 221/1999

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR A FARRUGIA MAMO**

**KONTRA**

**JOHN BAMBER, iben Joseph Richard u Antonia nee' Sant, imwieled il-Gzira nhar il-15.04.1949, residenti fil-fond Jurcaromn, Tomna Lane, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita' numru 439349M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **John Bamber** li gie akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni

wahda, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta’ aktar minn Lm5,000.00 liema somma kienet tappartjeni lil Francis Busuttil and Sons Limited u persuni ohra, u li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma ta’ flus kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, bhala impjegat tal-imsemmija socjeta’, taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, bi ksur tal-Artikolu 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li moqrija l-istess akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellux oggezzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda prodotta.

Rat ukoll illi l-imputat ammetta ghal diversi drabi l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Semghet u rat il-bilanc li s’issa ghadu dovut lil Francis Busuttil and Sons Limited.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti qieghda ssib lil-imsemmi mputat hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sena u nofs sospizi ghal tlitt (3) snin u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijietta’ Malta, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qieghda taghmel Ordni ta’ Restituzzjoni fl-ammont ta’ €9,794.13, kontra l-imputat, li ghandhom jithallsu lis-socjeta’ debitrici.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-obbligi tieghu naxxenti taht l-Artikoli hawnhekk imsemmija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------